**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta’ Ottubru, 2017

Rikors numru : 275/17 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu gewwa Malta fir-Registru Pubbliku fil-15 ta` Novembru tas-sena 1997 u sussegwentement fil-knisja parrokjali ta` Birzebuggia fil-25 ta` Novembru tas-sena 2001. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal;

Illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta` kuntratt redatt minn Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech fit-28 ta` Settembru tas-sena 2010 (Ara Dok. D1);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati legalment ghal dawn l-ahhar seba` (7) snin, iz-zwieg bir-rit Kattoliku gie dikjarat null permezz ta` sentenza tat-Tribunal tal-Knisja moghtija fit-28 ta` Frar 2017;

Illi stante li z-zwieg civili ma sarx fl-istess gurnata taz-zwieg fil-knisja, l-esponenti ma setghetx tintavola rikors sabiex l-annulament tal-knisja jigi rregistrat civilment, u ghalhekk kellha taghmel dan ir-rikors ta` divorzju;

Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet ghal bzonnijiet taghhhom, fil-waqt li l-manteniment li jivversa l-intimat ghal bzonnijiet ta` uliedu huwa regolat permezz ta` klawzola 7 tal-fuq imsemmi kuntratt ta` separazzjoni u jigi vversat regolarment;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talbet li  l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe’, ‘Cilia Attard’;
3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku, kif ukoll
4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dak kollu necessarju sabiex l-esponenti tirreverti ghal kunjom xbubitha u jsiru dak l-annotazzjonijiet necessarji;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta’ Lulju, 2017;

Semghet lill-imputat, prezenti fl-awla, iwiegeb li ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Settembru 2010;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti flwaqt illi tilqa' it-talba tar-rikorrenti biex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Cilia Attard u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-azzjoni mehtiega f'dan ir-rigward, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.